# Kumitat Amministrattiv SWATAR

**Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida**

Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

# Minuti

## Seduta Nru. 24/2012

Data: L-Erbgħa, 27 ta' Ġunju 2012

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Mario Xuereb – *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Rudolph Cini – *Membru*

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u tal-Imsida.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza minn Resident;
5. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
7. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut

Annex A Minuti 24/2012

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

Mary Rose Mifsud (*Chairperson*), Jimmy Zahra (Viċi *Chairperson*), Yvonne Spiteri, Mario Xuereb, Rudolph Cini
***Kunsill Lokali Birkirkara***
Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527 – TEL: 21442626, FAX: 21442644
***Kunsill Lokali L-Imsida***
Pjazza Menqa, Msida MSD 9090 – TEL: 21334343, FAX: 21342424
***Aġent Segretarju Kumitat Amministrattiv Swatar***
TEL: 22002308, FAX: 22002313, email: christopher.galea@gov.mt

**Minuti 24/2012**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fis-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 23/2012 li saret nhar it-Tlieta, 29 ta' Mejju 2012 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet fil-minuti u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

*Xogħlijiet Pendenti fis-Swatar*

**3.1** **Fuq punt 7.1 –** Il-Kumitat iddiskuta x-xogħlijiet li jridu jsiru fis-Swatar li għadhom pendenti. Is-Sur Mario Xuereb staqsa x'sar fuq il-bandli tas-Swatar. Waqt id-diskussjoni ikkummentaw li ma jistax ikun li x-xogħlijiet ma jsirux. Il-Kumitat iddeċieda li għandha ssir lista tax-xogħlijiet kollha pendenti u tintbagħat lill-Kunsilli konċernati u tiġi kkupjata lid-Direttur għall-Gvern Lokali u lis-Sindki.

Traffic Management

**3.2** **Fuq punt 6.2 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kumitat li t-TM għadhom m'approvawx it-*traffic management* u issa rċieva mingħandhom li jridu konferma jekk ma saritx konsulta' mar-residenti li ser jaffetwaħhom it-tibdil propost. Il-Kumitat iddeċieda li tintbagħat *reminder* oħra lit-TM u magħha jiġu mehmuża l-minuti fejn ġie approvat it-*traffic management* kif ukoll ir-rapport tal-laqgħa pubblika fejn saret konsulta' mar-residenti u qabblu mal-proposti kollha.

## 4. Korrispondenza minn Resident

Arriva – Rotta 123

**4.1** Inqrat imejl li ntbgħatet minn resident li qed jilmenta fuq il-ħinijiet tar-Rotta 123. Il-Kumitat wara li ddiskuta, iddeċieda li l-ħinijiet tar-Rotta 123 għandhom ikunu li mill-Belt Valletta, l-Arriva titlaq *on the half hour* u tasal Mater Dei *on the hour*. Il-Kumitat qabel li ssir laqgħa mat-TM sabiex jiġu diskussi dawn il-proposti.

## 5. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

Ġieħ is-Swatar 2012

**5.1** Rigward is-serata ta' Ġieħ is-Swatar 2012, il-Kumitat irrimarka li kienet serata sabiħa u organizzata tajba. Is-Sur Mario Xuereb faħħar lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-organiżazzjoni. Is-Sur Xuereb issuġġerixxa li għas-sena d-dieħla jkun għaqli li s-serata ssir aktar tard bħala ħin, issir fis-sajf, issir waqt waħda mis-serati li jiġu organizzati mill-Parroċċa fil-*carpark* fejn ikun hemm l-ikel u affarijiet oħra u l-Kumitat ikun jaf minn qabel kemm ser jiġu nies għax ikunu xtraw il-biljetti. B'hekk ir-residenti jkunu preżenti wkoll għal waqt is-serata. Iċ-*Chairperson* irringrazzjat u faħħret lis-Sur Mario Xuereb tad-diskors informattiv u nteressanti li preparalha għal waqt is-serata.

## 6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**6.1** Iċ-*Chairperson* qalet li l-*parking bays* f'naħa ta' Triq Anthony Sammut għandhom isiru mindudin għax meta qed jipparkjaw il-karozzi, qed jimblukkaw il-garaxxijiet ta' faċċata tagħhom. Parking Bays fi Triq Anthony Sammut

**6.2** Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li ser issir *car wash* organizzata mill-HSBC tas-Swatar fejn il-flus li ser jiġbru ser jintefqu għall-komunita' tas-Swatar. Il-Kumitat ser jiddiskuti mal-HSBC sabiex jagħtihom il-proposti tegħu fejn dawn il-flus jistgħu jintefqu. Car Wash mill-HSBC

**6.3** Iċ-*Chairperson* stiednet lill-Kumitat biex min irid imur id-Dar tal-Prividenza u jgħinhom fil-kampanja li ser jagħmlu sabiex jiġbru l-fondi billi jirrispondu t-telefonati. Dar tal-Providenza

**6.4** Iċ-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat li ltaqgħat mas-Segretarju Eżekuttiv, Joanne u Lawrence mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara fejn dahru ż-żona kollha tan-naħa ta' Birkirkara biex jidentifikaw x-xogħlijiet kollha li l-Kumitat talab biex isiru u għadhom ma sarux. Hemm bankini imkissrin u tarmak imħarbat. Iddeċidew li ssir bozza fi Triq il-Qattus. Rigward is-siti perikolużi, il-Kunsill qed jgħid li ma jista' jagħmel xejn aktar. Iċ-*Chairperson* qalet li hemm bżonn li jsir xi ħaġa fuqhom għax hemm periklu kbir. Jekk ħadd ma jista' jagħmel xejn, dawn għandhom jiġu rrapurtati lill-media u jidhru fuq Xarabank jew fuq il-programm Illosta. Is-Sur Mario Xuereb irrimarka li fuq Xarabank tagħmel iktar ħoss. Il-Kumitat qabel. Xogħlijiet pendenti fin-naħa ta' Birkirkara

6.4.1 Is-Sur Mario Xuereb issuġġerixxa li għandha ssir talba lill-ETC sabiex il-Kumitat ikun jista' juża s-servizz tal-ħaddiema tal-ETC u jkunu jistgħu jagħmlu dawk ix-xogħlijiet li l-Kunsilli rispettivi mhux qed ikollhom ċans jagħmlu fiż-żona tas-Swatar. Il-Kumitat qabel unanimament. Ħaddiema tal-ETC

## 7. Għeluq u Aġġornament.

**6.1** Il-laqgħa spiċċat fis-7:30pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis, 2 t'Awwissu 2012, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

____________________

*Chairperson*, KAS

____________________

Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

**Annex B**

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| **3.1** | *Xogħlijiet Pendenti fis-Swatar* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.2** | *Traffic Management* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **4.1** | Arriva – Rotta 123 | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **6.1** | Parking Bays fi Triq Anthony Sammut | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 6.4.1 | Ħaddiema tal-ETC | Aġent Segretarju Eżekuttiv |